MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 949/2001/1

**Meli Car Rentals Limited**

**Vs**

**Paul Leone Ganado**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sebgha mija u sittin lira Maltin (Lm2760) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali skaduti, accettati u firmati mill-konvenut.

Bl-ispejjes, inklusi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Awissu 2001 u tal-1 ta' Novembru 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14 u 15 tal-atti kif ukoll in-nota tal-istess socjeta attrici (fol 16 ibid) u li biha irriduciet s-somma mitluba fl-avviz ghas-somma ta' Lm450.

Semghet lil Nazzareno Meli prodott mill-istess socjeta.

Ikkunsidrat

Illi a basi tax-xhieda tal-imsemmi Nazzareno Meli, moghtija illum stess, it-talba attrici, kif ridotta, ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' 'in parte', it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm450 bl-imghax legali mis-16 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri bonarja tad-29 ta' Awissu 2001 u tal-1 ta' Novembru 2001 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru msemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------